MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 264/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Angelo Gafa`)
Vs
David Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn April 2006 u Lulju 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn

dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 18 u 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar.
Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.
Barra minn hekk il-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali perpetwa tal-appellant ai termini tal-artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti inoltre ordnat li estratt ta' din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-artikolu 10(7) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.
L-appellant min-naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza w minflok tilliberah minn kull htija w piena jew, alternattivament, tvaraha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fil-ligi taghna “bribery after the fact” notorjament ma jikkostitwix reat.
2. Illi anke jekk wiehed kellu jiskart l-posizzjoni fil-ligi Maltija w jaccetta li l-posizzjoni legali hija identika ghal dik vigenti fl-Italja, l-att kommess minn Stephen Mallia w ricevut mill-appellant ma jikkostitwix ir-reat ta’ korruzzjoni;
3. Illi minn imkien ma rrizulta li dawn “it-tips” inghataw fil-perjodu addebitat fl-imputazzjoni ossia bejn April 2006 u Lulju 2006;
4. Illi l-piena ta’ prigunerija, nonche` sospiza, hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-perjodu msemmi bejn April u Lulju ta’ l-elfejn u sitta (2006) l-appellant David Gatt kien skrivan fl-ufficcu ta’ l-ADT, l-Awtorita dwar it-Trasport. Hu kien jipprocesa certifikati ta’ nies illi jkun ghamlu t-test tat-tejorija sabiex isir ukoll it-test prattiku. F’Novembru ta’ l-elfejn u sitta (2006) il-pulizija ntalbet mill-Awtorita sabiex tinvestiga certa persuna li kien ghamel test tas-sewqan prattiku meta fil-fatt ma kienx ghadda mit-test tat-teorija. Minn din l-investigazzjoni rrizulta illi kien hemm diversi nies illi ma kienux ghaddew mit-test tat-teorija izda kienu qed jigu pprezentati certifikati foloz sabiex huma jersqu ghat-test prattiku. Il-falzita’ kienet tikkonsisti f’fotokopji ta’ certifikat meta fil-fatt l-original qatt ma kien jezisti.

Fiz-zmien indikat kien hemm zewg persuni illi jircievu applikazzjonijiet ghat-test prattiku: dawn kienu Danilo Bezzina u l-appellant. Dak ta’ qabel ammetta illi huwa kien qed jircievi flus sabiex jaccetta certifikati li kien jaf li kienu foloz u ttiehdu proceduri fil-konfront tieghu. Mhux l-istess jinghad ghall-appellant fejn l-Ispettur investigattiv Angelo Gafa` xehed li tul l-investigazzjonijiet qatt ma rrizultatu li l-imputat kien jaf li c-certifikati li kienu qed jigu pprezentati lilu kienu fil-fatt foloz. Biss irrizultalu li certa

Stephen Mallia li kien jahdem bhala driving linstructor ma "Swallow Garage" spjega illi gieli ha fotokopji ta' certifikati foloz u dawn gew ipprocessati mill-appellant David Gatt u kienu jigu pprocessati matul il-break sabiex Stephen Mallia ma joqghodx fil-kju. Ta' dan f'zewg okkazjonijiet jew tlieta Mallia ghadda xi zewg Liri lill-appellant. Mistoqsi 'l ghaliex kien jircievi l-fotokopji u mhux l-originali l-appellant qal illi dak iz-zmien fid-dipartiment kienet haga normali u komuni illi l-iskrivani jaccettaw fotokopji.

Tant hu hekk, illi kien biss permezz ta' memorandum datat tlettax (13) ta' Ottubru ta' l-elfejn u sitta (2006) li l-istaff kollu tal-Licensing Department inkluz l-appellant gew maghrfa illi kellhom jipprocessaw applikazzjonijiet biss fuq certifikati originali u mhux fuq fotokopji.

B'Sentenza datata tlieta (3) ta' Gunju ta' l-elfejn u ghaxra (2010) l-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza izda sabitu hati ta' korruzzjoni taht l-artiklu 115 tal-Kodici Kriminali. F'din is-Sentenza ghamlet ampji referenzi ghall-awtur Taljan Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Delitto Penale" u waslet ghal konkluzjoni fejn "dehrilha li ghalkemm l-ammont li mill-provi rrizulta li l-imputat accetta sabiex jiffavorixxi lil Mallia billi jidhol jahdem waqt il-break u b'hekk jevitalu li joqghod jistenna fil- kju kien minimu, xorta wahda jista' jitqies bhala retrobuzzjoni skond definizzjoni moghtiha minn Manzini ghaliex jirrizulta pruvat li l-imputat accetta ammont ta' flus ghalkemm f'ammont nominali, sabiex jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu illi jaghmel meta fil-fatt ma kien dovut ebda ammont ghal dak is-servizz."

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors tieghu l-appellant argumenta illi wiehed irid joqghod attent meta jikkonsidra dawn il-principji tal-Manzini peress illi l-ligi Taljana hija differenti minn dik Maltija. Illum l-ligi Maltja ma taccettax il-kuncett ta' "bribery after the fact" kif donnu qed jigi accettat mill-ligi Taljana u kif fl-izvilupp ta' ordinament guridiku Taljana kien hemm incertezza jekk din il-korruzzjoni setghetx issir wara l-kummissjoni tar-reat. L-awtur Luigi Maino fit-trattat

tieghu "Commento al Codice Penale Taliano" kellu quddiemu l-ligi Penali kemm dik promulgat bid-digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elf tmin mija u hamsa u sittin (1865), kif ukoll dak tal-kummissjoni dwar il-"Progetto Ministeriale tal-elf tmin mija u seba` u tmenin (1887), izda mhux dik tal-Codice Rocco tal-elf disgha mija u tletin (1930).

Fl-ewwel zewg progetti, jghid il-Maino, ma kienx hemm distinzjoni bejn "atto da compiere o atto gia compiuto". Fil-fatt jghid "la formola: per un atto del sua ufficio si leggeva ance nel Articolo 162 del Progetto Ministeriale dell'1887: ed e formola che non distingue atto da compiere o atto gia compiuto" (Volume 2, pagina 209, para 926). Kif tajjeb osserva l-appellant kien il-Kodici Penali Toskan li ghamel distinzjoni bejn "la corruzzione propiamenta detta dalla illecita accettazzione dei doni". Il-Maino jghid "considerando come corruzzione il mercato relattivo ad atti da compiere e come illecita accettazione delitto minore il ricevere una indebita ricompensa per atti d'ufficcio gia eseguiti senza corruzzione." Kien hemm dibattitu shih bejn l-awturi u l-Kummissjoni Taljana dwar dan il-kuncett u cioe` setax ufficjal pubbliku jkun hati ta' korruzzjoni wara l-fatt. "Ma la commussione approvo' la formola del progetto Ministeriale come passata nel attuale articolo 171, e che comprende la ipotesi degli atti gia compiuti. Fu osservato che si violano i doveri d'ufficio anche con la accettazione di doni inseguito ai atti compiuti . . ." (Ibid para 926). Din il-kwistjoni giet definittivament rizolta fil-Codice Rocco tan-1930 fejn taht il-titolu "Corruzione per un atto d'ufficio" it-tieni paragrafu ta' l-artikolu 318 jghid testwalment "se il pubblico ufficiale riceve la retribuzione per un atto d'ufficio da lui gia compiuto . . ." Quindi ghall-ligi Taljana ma hemmx kwistjoni u ufficcjal pubbliku jista' jinstab hati ta' korruzzjoni jekk ikun ircieva xi kumpens wara l-att. Naturalment, dejjem soggetta ghat-tifsira ta' "retribuzioni" kif definiti mill-istess Manzini u Francesco Antolisei riportati fir-rikors ta' l-appell.

Mhux l-istess pero' taht il-ligi Maltija fejn sakemm ma jkunx hemm ftehim <u>qabel</u> (emfasi tal-Qorti) il-kommissjoni

ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Fejn il-Professur Mamo jghallem li "as Section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."

Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali, l-Maino jkompli jaghallem li b'referenza ghal art. 171 u 172 (tal-Kodici 1865) *"......... a costituire il-delitto di corruzzione e` necessario il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto, il loro accordo e la loro fusione sul patto eriminoso ......."* Ghal Maino dan kien bizzejjed ghal konsumazzjoni tar-reat u ma kienx hemm ghalfejn l-ufficjal pubbliku jwettaq jew ma jwettaqx dak pattwit. Jidher li dan il-hsieb gie accettat mill-"Commissione della Camera di Deputati" u tal-Kummissjoni Senatorjali (1887) tant, li fit-test definittiv tal-Kodici gie milqugh il-hsieb *"di far retrocedere la consumazione del reato all'istante in cui il pubblico ufficiale ha ricevuto il dono o accetta la promessa, perche il fare, il ritardare od ommettere l'atto e il fine del delitto, ma questo e' completo quando si conciude il turpe merchato ........"* (ibid para 925) kif inghad, dan il-hsieb gie eventwalment rifless fil-Codice Rocco peress illi la r-reat kien ikkunsmat mal-"concorso delle due volonta`" ma kienitx taghmel differenza jekk din il-konsumazzjoni saritx qabel jew wara l-fini tad-delitt. Izda, l-ligi Maltija qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal-ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista` jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta il-"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto" jigi msarraf f'dak miftiehem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat.

Kienet decizjoni libera ta' l-appellant illi jidhol fil-break u jipprocessa l-applikazzjonijiet ta' Stephen Mallia u qatt ma kien hemm ftehim illi ta' dan l-appellant kellu jigi rikompensat minn Stephen Mallia. Kien biss inizjattiva fuq l-istess Mallia illi f'zewg (2) okkazjonijiet jew tlieta (3)

ghadda zewg (2) liri lill-appellant bhala ringrazjament ta' din il-briga illi ha.

Din il-Qorti mhix tal-fehma illi dawn iz-zewg (2) liri jistghu b'xi mod jigu kkunsidrati bhala hlas jew kumpens tax-xoghol illi ghamel l-appellant. L-ammont hu wiehed irrizorju u ma hemm l-ebda relattivita' bejn ix-xoghol illi ghamel l-appellant u dan il-kumpliment illi ghamillu Mallia. Ghalhekk dan jinkwadra fis-shieh fit-taghlim tal-Manzini u ta' l-Antonizei meta jghidu illi "non costituiscono corruzione i piccoli doni occasionali complimentosi di commestibili, di bibite, di sigarri . . . guai se si dovesse sindicare troppo minutamente la sincerita' e il disinteresse di tutte le cortesie che si ricevono." (Ara sentenza Qorti tal-Magistrati u Rikors Appell)

In succint, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi:

1. Ma giex pruvat li kien hemm "il concorso delle due volonta' del corruttore e del corrotto."
2. L-ammont li thallas kien wiehed irrizorju, kellu jitqies bhala wiehed ta' kortezija jew kumpliment.
3. Ma hemm l-ebda proporzjonalita' bejn l-ammot li thallas u s-servizz illi ghamel l-ufficcjal pubbliku cioe' l-appellant u
4. Illi l-kortezija jew kumpliment irceviha wara illi huwa qeda' d-doveri tieghu minghajr ebda ftehim in propozitu.

Ghalhekk, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-Appell, tirriforma s-sentenza imsemmija u tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza w minflok tiddikkjarah mhux hati ta' din l-akkuza u tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------